MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 976/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Ruth Mazzitelli**
**Omissis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Ruth Mazzitelli ta’ ghoxrin (20) sena, bint Paul u Mary Anne neè Farrugia, imwielda Pietà fid-9 ta’ Ottubru 1988, residenti gewwa 5, Orchid, Triq Arturo Dimech, Zurrieq, detentrici tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 469888(M), talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar id-19 ta’ Awwissu 2009, ghall-habta ta’ 00:45a.m., gewwa Triq Sant’ Antnin, Zabbar, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamlet hsara f’sebgha u ghoxrin (27) emergency lights, proprjetà ta’ Roderick Cassar, liema hsara hija ta’ aktar minn €116.42 (ekwivalenti ghal Lm50) ghad-dannu ta’ l-istess Roderick Cassar;
2. Fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Lulju 2009, gewwa Triq Villabate, Zabbar, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamlet hsara f’dsatax (19) emergency lights, proprjetà ta’ Roderick Cassar, liema hsara hija ta’ aktar minn €116.47 (ekwivalenti ghal Lm50) ghad-dannu ta’ l-istess Roderick Cassar;
3. Bejn is-7 u t-8 ta’ Awwissu 2009, minn gewwa c-Cirkewwa ikkommettiet serq ta’ emergency light minn fuq gaffa liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
4. Bejn it-8 u s-17 ta’ Awwissu 2009, minn gewwa Rahal Gdid ikkommettiet serq ta’ emergency light liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;
5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Awwissu 2009 minn gewwa l-Fgura ikkommettiet serq ta’ emergency light liema serq huwa kkwalifikat bil-hin.

Rat id-dokumenti markati Dok. “FF1” sa’ Dok. “FF5” a fol. 11 sa’ 15 tal-process ipprezentati mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2010;

Semghet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Fabian Fleri moghtija waqt is-seduti tal-11 ta’ Frar 2011[1] u tas-26 ta’ Marzu 2011[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “FF6” sa’ Dok. “FF10” a fol. 24 sa’ 37 tal-process u l-emergency light esebita bhala Dok. “SD1”, semghet ix-xhieda ta’ Roderick Cassar[3], impjegat tas-socjetà Bonnici Brothers Limited, ta’ PS 1593 Alfred Cachia[4] u ta’ PC 1433 James Saliba[5] moghtija waqt is-seduta tal-11 ta’ Frar 2011, semghet ix-xhieda ta’ PS 1330 Alexander Schembri

---

1 Fol. 20 sa’ 23 tal-process.
2 Fol. 62 tal-process.
3 Fol. 38 u 39 tal-process.
4 Fol. 40 u 41 tal-process.
5 Fol. 42 sa’ 45 tal-process.

moghtija waqt is-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012[6] u semghet ix-xhieda ta’ Dillon Gauci moghtija waqt is-seduta tad-19 ta’ Frar 2013[7];

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta’ Lulju 2013 l-imputata Ruth Mazzitelli irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha;

Rat in-Nota esebita mill-Prosekuzzjoni fil-11 ta’ April 2013 li biha gharrfet lill-Qorti li l-ammont tal-hsara kawzata lis-socjetà Bonnici Brothers giet kollha mhallsa;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tigi akkuzata talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda: (a) nhar id-19 ta’ Awwissu 2009, ghall-habta ta’ 00:45a.m., gewwa Triq Sant’ Antnin, Zabbar, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamlet hsara f’sebgha u ghoxrin (27) emergency lights, proprjetà ta’ Roderick Cassar, liema hsara hija ta’ aktar minn €116.42 (ekwivalenti ghal Lm50) ghad-dannu ta’ l-istess Roderick Cassar; (b) fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Lulju 2009, gewwa Triq Villabate, Zabbar, hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamlet hsara f’dsatax (19) emergency lights, proprjetà ta’ Roderick Cassar, liema hsara hija ta’ aktar minn €116.47 (ekwivalenti ghal Lm50) ghad-dannu ta’ l-istess Roderick Cassar; (c) bejn is-7 u t-8 ta’ Awwissu 2009, minn gewwa c-Cirkewwa ikkommettiet serq ta’ emergency light minn fuq gaffa liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa; (d) bejn it-8 u s-17 ta’ Awwissu 2009, minn gewwa Rahal Gdid ikkommettiet serq ta’ emergency light liema serq huwa kkwalifikat bil-hin; u (e) fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Awwissu 2009 minn gewwa l-Fgura ikkommettiet serq ta’ emergency light liema serq huwa kkwalifikat bil-hin.

[6] Fol. 56 sa’ 59 tal-process.
[7] Fol. 74 sa’ 80 tal-process.

Waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghha. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni u anke fid-dawl tal-provi li lahqu gew prodotti, partikolarment ix-xhieda ta' l-Ispettur Fabian Fleri moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2011[8] u x-xhieda ta' Dillon Gauci moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2013[9], u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata fid-19 ta' Awwissu 2009 esebita bhala Dok. "FF7" a fol. 25 sa' 27 tal-process, il-Qorti tqis li l-imputata ghandha tinstab hatja ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra taghha.

Jigi osservat illi ghalkemm l-imputata giet akkuzata bhala awtrici tar-reati iktar 'l fuq elenkati flimkien ma' Alex Zahra, li fil-konfront tieghu già inghatat sentenza fit-22 ta' April 2013[10], mill-provi prodotti jirrizulta li hija kienet iktar komplici fit-twettiq ta' dawn ir-reati milli awtrici diretta ta' l-istess. Apparte li dan il-fatt jirrizulta mill-provi prodotti, jinsab ukoll rikonoxxut u accettat kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza tant illi waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena in segwitu ghar-registrazzjoni ta' ammissjoni da parte ta' l-imputata, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ssottomettew li jkun idoneju li f'dan il-kaz tigi ikkunsidrata l-possibilità li l-imputata tigi liberata bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat iehor entro terminu prefiss mill-Qorti, b'dana li ghall-fini ta' terminu il-Qorti ghandha zzomm f'mohha li l-involviment principali fir-rigward tar-reati mertu ta' dan il-kaz kien ta' Alex Zahra iktar milli ta' l-imputata[11].

Minkejja l-fatt li jirrizulta li l-impuata kienet komplici u mhux awtrici diretta fit-twettiq tar-reati li bihom qed tigi akkuzata, din il-Qorti xorta wahda tista' – anzi fid-dawl ta' dak li rrizulta mill-provi u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata, ghandha – issibha hatja bhala komplici fit-twettiq tar-reati kollha li qed tigi akkuzata bihom[12].

---

8 Fol. 20 sa' 23 tal-process.
9 Fol. 74 sa' 80 tal-process.
10 Fol.83 sa' 86 tal-process.
11 Verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2013.
12 Il-Pulizija v. Carmelo Agius, Appell Nru.78/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju 2002 u Ir-Repubblika ta' Malta v. Ali Mehemed Kreta, Nru.27/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru 2003 u Artikolu 467(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għall finijiet ta' piena l-Qorti tqis li għandha, fost affarijiet oħra, tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputata għall-akkuzi dedotti kontra tagħha għalkemm din l-ammissjoni ġiet reġistrata fid-9 ta' Lulju 2013.

Għalkemm huma principji stabbiliti fis-sistema ġuridika nostrali li *mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull kaz għandu l-fattispecie tiegħu u jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proceduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti*[13] u *li ammissjoni tkun waħda inkondizzjonata mhux bizzejjed biex ikun hemm xi mitigazzjoni fil-piena. Li hu, invece, ħafna importanti hu li dik l-ammissjoni tkun waħda bikrija u fl-ewwel opportunità li jkollu l-akkuzat, dan biex jiġi salvat ħafna ħin tal-Qorti kif ukoll spejjez*[14], il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami l-ammissjoni reġistrata mill-imputata għandha xorta waħda teffettwa n-natura tal-piena eventwali li se tiġi imposta fuqha għall-kompliċità tagħha fir-reati li qed tiġi akkuzata bihom.

Għalkemm jidher li fil-kaz in ezami l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-akkuzi dedotti kontra tagħha fi stadju inoltrat tal-proceduri – ossia fid-9 ta' Lulju 2013 meta l-proceduri nbdew fl-2009 – in verità u minn ezami akkurat ta' l-atti processwali joħroġ car li l-imputata irreġistrat l-ammissjoni tagħha fi stadju li fil-kuntest u cirkostanzi ta' dawn il-proceduri jista' jitqies bħala stadju bikri. In effetti saz-zmien meta l-imputata rreġistrat l-ammissjoni tagħha l-Prosekuzzjoni kienet għadha qed tressaq il-provi tagħha u kien jonqosha minn ta' l-inqas zewġ xhieda oħra qabel ma tkun f'posizzjoni tiddikjara li għalqet il-provi tagħha kontra l-imputata. Apparte minn hekk fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' Alex Zahra waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju bil-proceduri kontra l-imputata jkollhom jistennew l-ezitu tal-proceduri kontra Alex Zahra qabel ma setgħu jitkomplew fil-konfront tagħha. Di fatti in segwitu għas-

[13] Il-Pulizija v. Grazio Calleja, Appell Nru. 271/00, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju 2001.
[14] Il-Pulizija v. Anthony Taylor, Appell Nru. 65/01, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru 2001.

separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg imputati l-kawza fil-konfront ta’ Alex Zahra giet differita ghat-28 ta’ Jannar 2013 ghas-sentenza, bis-sentenza effettivament tinghata fit-22 ta’ April 2013 ghal ragunijiet li jirrizultaw mill-verbali tas-seduti, u l-kawza fil-konfront ta’ Ruth Mazzitelli giet differita ghad-19 ta’ Frar 2013 u in segwitu ghat-22 ta’ April 2013. Huwa veru li fid-19 ta’ Frar 2013 il-Qorti semghet ix-xhieda ta’ Dillon Gauci ghalkemm is-sentenza fil-konfront ta’ Alex Zahra kienet ghada ma nghatatx izda, peress illi Gauci tressaq quddiem il-Qorti b’Mandat ta’ Akkompanjament fic-cirkostanzi kien iktar prattiku li x-xhud jinstema’ dakinhar milli jerga’ jittella’ l-Qorti f’data ohra. Jirrizulta wkoll li fit-22 ta’ April 2013 minhabba ragunijiet spjegati fil-verbal tas-seduta d-difiza ta’ l-imputata giet assunta minn difensur iehor li talbet differiment biex setghet tiehu konjizzjoni tal-kaz u b’hekk is-seduta giet differita ghad-9 ta’ Lulju 2013 fejn effettivament l-imputata rregistrat l-ammissjoni taghha.

Fid-dawl ta’ dawn kollu ghalhekk il-Qorti mill-gdid tirribadixxi li ghalkemm bhala data jidher li l-imputata rregistrat l-ammissjoni taghha wara ammont ta’ zmien apprezzabbli, in realtà hija rregistrat ammissjoni fi stadju fejn il-proceduri zgur ma jistghux jitqiesu bhala maturi.

Ghaldaqstant u kif già osservat, dan il-fatt, flimkien ma fatturi ohra li se jissemmew iktar ‘l quddiem, certament ghandu jeffettwa n-natura tal-piena li se tigi imposta fuq l-imputata b’din is-sentenza.

Apparte din il-konsiderazzjoni l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta u li ta’ l-inqas f’zewg okkazzjonijiet ippruvat izzomm lil Alex Zahra milli jkompli jaghmel iktar hsara fl-emergency lights. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li ghalkemm l-imputata ghall-ewwel agixxiet b’immaturità u blugha kbira, hija fl-ahhar mill-ahhar fehmet il-gravità ta’ l-agir taghha.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk u wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 42, 43, 44, 46, 270, 271(g), 281(b) u 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ssib lill-

imputata hatija bhala komplici ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra taghha izda fic-cirkostanzi tal-kaz kif iktar ‘l fuq imfissra, Hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li timponi fuq l-imputata l-piena kontemplata fl-imsemmija artikoli tal-Ligi u ma hemmx lok ghal ordni ta’ probation jew ordni ta’ servizz fil-komunità jew ordni ta’ probation u servizz fil-komunità u ghalhekk ai termini ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor ghall-perijodu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-imputata, bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk hija taghmel reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ossia matul it-terminu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza, hija tkun tista’ tinghata sentenza ghall-komplicità fir-reati minnha ammessi f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------